# SPES VITAE

(Fejn il-bibien ta' Belt. Qiegħed jisbaħ. Minn naħa ġejjin xi nies mgħobbija bis-soror. Dawk ta' Fejn il-Bieb [il-Kotra] iħarsu mistagħġba).

Il-Kotra : *Għaliex siktin,*
*Bis-sura tqila ta' nies imdejqin,*
*Lejn bibien il-Belt resqin?*

Il-Ftit : *Aħna rajna l-uġigħ,*
*U d-dmugħ u t-taqtigħ,*
*U krabna għall-mistrieħ;*

*U issa qegħdin*
*Naħarbu mbeżżgħin*
*Lil hinn mill-bnedmin.*

*Kemm xrobna imrar*
*Jgħidulna l-azzar,*
*U l-kisja taż-żrar*

*Li 'l qalbna qawwija*
*Keffnulna bla ħtija*
*Fil-jiem l-imgħoddija.*

*L-imħabba xtaqnieha:*
*Għal kwarta, jew siegħa;*
*Għax wrajha kien hemm*

*Mhux veru id-demm*
*Li jfur bla jintemm,*
*Bil-fawra sajfija*

*Bix-xewqa bikrija*
*Li taf iż-żgħożija,*
*'żda s-semm ta' dil-ħajja*

*Li jlaqqa' il-ġrajja*
*Bħall-baħar mal-plajja:*
*Kif jaqbel; kif jixraq!*

*Kemm xtaqna maż-żmien*
*Insibu is-sliem*
*Li jfur minn ġol-kliem*

*Tal-ħbieb: 'mma ta' xejn*
*Għax wara sagħtejn,*
*Bid-daħka fl-għajnejn,*

*Fittxew li jixluna*
*W b'subgħajhom juruna,*
*W bi kliemhom jgħajruna,*
*U sħiħ imaqdruna.*

Il-Kotra : *Imnikktin,*
*Bil-ħsibijiet tal-ħajja mgħobbijin,*
*Fejn intom sejrin?*

Il-Ftit : *Sejrin f'art il-ħena*
*Li qatt ma tinfena*
*Mill-għira: hemm tinbena*

*Il-ħajja sabiħa,*
*Bil-warda w bil-fwieħa,*
*Bil-għanja ferrieħa:*

*Sejrin fejn l-imħabba*
*Tkun tista' tixxabba',*
*U dejjem titrabba.*

*Sejrin fejn il-mewġa*
*Taż-żiffa w tal-fewġa*
*Ma tafx din il-ġewġa*

*Tqila tan-nifs.*

*Sejrin fejn l-irwiefen*
*Tiddamdam, tistieden*
*Għad-daħka tal-qniepen;*

*Fejn xmajjar ifuru,*
*W agħsafar iżuru,*
*U jgħannu u jduru:*

*U l-ġenna tal-ħolqien*
*Li ssebbaħ kullimkien,*
*Ittaffi l-jum għajjien.*

Il-Kotra : *Xewqanin,*
*Kemm kemm m'hux ferħanin,*
*Ma tarawx li din ħolma taċ-ċkejknin?*

Il-Ftit : *Imma aħna sejrin*
*Bit-tama qawwijin*
*Li għad noħorġu rebbeħin!*

7-4-46. WALLACE GULIA.